MSIDA

# KUNSILL LOKALI L-IMSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 46/K6/2012 |
| Data: | It-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2012 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.45 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Dott. Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Dott. Carmelo Grima |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Abela |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | Agent Segretarju Ezekuttiv: | Sur Arthur Perici |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie publikat nhar l-Erbgha 17 ta' Ottubru 2012. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 45/K6/2012.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Kumitat Amministrattiv Swatar.
5. Rapport Bord tal-Ghazla ta' Segretarju Ezekuttiv.
6. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
8. Affarijiet ohra jekk urgenti.
9. Aggornament.

**Seduta Nru 46/K6/2012**

**Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 45/K6/2012.**

1498 - 1463. Il-Vici Sindku talbet ukoll li ghandha tintbaghat ittra legali (protest gudizjarju) lit-TM fuq iz-zebra crossing quddiem l-HSBC.

1499 - 1464. Fit-tieni paragrafu il-kelma illegibli tinbiddel mal-kelma inelegibli.

1500 - 1471. Fit-tieni linja il-kelma illegibilita' tinbiddel mal-kelma inelegibli.

**Punt 2 Materji mil-Minuti.**

1501 - 1462. Dott. C. Grima staqsa jekk ir-rapport mitlub mill-Perit sarx. C Selvaggi qal li hekk qbilna fl-ahhar laqgha. Emanuel Brincat qal li tkellmu dwar testijiet fuq it-Triq u l-Perit irid l-invoice tax-xoghol. Il-Kunsill qabel li nergghu nitkellmu mal-Perit sabiex sal-laqgha li jmiss dan ir-rapport jigi prezentat.

1502 - 1463. Is-Sindku qal li ltaqgha mal-Avukat tal-Kunsill fejn ghadejtlu l-korrispondenza mehtiega sabiex jigi pprezentat il-protest gudizjarju.

1503 - 1464. Is-Sindku qal li dwar ir-rapporti li talab Dott C.Grima dawn kollha kienu prezentati fil-minuti precedenti u approvati mill-Kunsill. C. Selvaggi qal li ahna jridu jkunu nafu kif gew moghtija l-marki. Is-Sindku qal li ser tinghata kopja lill-kull Kunsillier tar-rapport tal-Bord tal-Ghazla.

1504 - 1465. Emanuel Brincat qal li mar jara l-bankina u din mhux accetabbli. Il-Kunsill qabel li nitkellmu mal-Perit fuq din il-materja.

1505 - 1469. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li korrispondenza 0903 intbaghtet lill-MRRA. Il-kunsill talab li talli korrispondenza tintbaghat ukoll lill-Chris Ciantar.

1506 - 1471. M. Agius talab ghal din il-korrezzjoni "M Agius kien staqsa kif l-istess persuni tal-bord qed jirrakomandaw persuna, meta dawn l-istess nies ikkundanaw lil l-istess kandidata versu l-agir taghha fil-konfront tal-Kunsillier C.Selvaggi." Is-Sindku qal li kienu kuntesti differenti.

1507 - 1473. L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni taht din l-iskema giet sottomessa. M. Agius qal li importanti li meta jibda xi staff taht din l-iskema, l-istaff taghna jaghmluhom welcome u tkun/ikun parti minn tim.

1508 - 1477. L-Agent Segretarju Ezekuttiv ghandu jiccekja mal-BOV jekk Road Servicing Ltd geddix il-garanzija bankarja.

1509 - 1478. Is-Sindku qal li l-mobile gie ritornat u tkellem mal-eks Segretarju Ezekuttiv biex jiehu hsieb jaghlaq il-kont mal-Go ghax dan qieghed f'ismu.

1510 - 1484. L-Agent Segretarju Ezekuttiv ghandu jitkellem mal-eks Segretarju Ezekuttiv dwar fejn hi s-sistema u kif tithaddem is-sistema tal-back ups.

1511 – 1489. Il-Kunsill approva l-pagamenti tal-Enemalta u Reciprocal Ltd.

1512 – 1491. M. Agius qal li kitteb lil Pro Rettur Alfred Vella. Gejt ikkuntatjat mill-fakulta' tal-chemistry u periti. Hemm xi fakulitajiet ohra li kellhom jikuntatjawna. Ghidtilhom li ghandna laqgha tal-Kunsill u aktar il-quddiem naghmlu laqgha maghhom. Gie maqbul li M. Agius jorganizza laqgha fejn tattendi ukoll il-Vici Sindku.
Il-Kunsill qabel li gibota s-somma ta' € 2000 ghal dawn l-istudji.

1513 – 1492. Ghal din l-attivita' attendew 48 persuna. Il-Kunsill irringrazzja lil E. Abela ghax-xoghol u l-konribuzzjoni tieghu ghal din l-attivita' .

1514 – 1495. Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lill-TM fuq dan ir-rigward kif ukoll li niktbu lid-Dipartiment koncernat dwar il-bankina ta' fejn il-manhatan.

**Punt 3 Korrispondenza.**

1515. WSC qed tikkonferma li l-claims pendenti dwar trenching Jobs ghas-sena 2009. Dan jammontaw ghal € 13800. Il-Kunsill ghandu jibghat l-invoice lill-WSC sabiex jinbeda l-process tal-pagament relatat.

1516. Talba biex isir speci ta' bankina quddiem il-pompa tal-petrol A&D Borg li tinsab maghluqa, peress li kemm ilha maghluqa din il-pompa, wiehed irid johrog b'nofs il-karozza bl-amment b'konsegwenza li jinholoq xi accident. Il-Kunsill talab li niktbu lit-TM dwar dan u nitolbu l-intervent taghhom.

1517. Wara accident b'karozza fuq l-islip way, il-Kunsill ircieva talba minn min kellu l-accident sabiex l-islipways jigu mdawra b'xi barriers. Dan l-accident sar fil-marina tal-Imsida int hu sejjer lejn il-belt. Il-Kunsill talab aktar dettalji tal-post ghax mir-ritratt mhux qed jirrokonoxxi l-post fejn sar l-accident.

1518. Proposta minn Dr Schembri fl-laqgha mal-Vici Sindku u E. Brincat biex jinbiddlu bins fl-area tal-junior collage ghal Dehra ahjar tal-ambjent fl-akwati. Dawn ghandhom ikunu akbar u moderni. Il-proposta titlob biex dawn jithallsu minn negozji tal-area u dawn ikollhom l-opportunita' li fuq il-bins ikun hemm l-isem tan-negozji. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u talab sabiex tintbaghat ittra lin-negozji tal-area.

1519. Memo 38/2012 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera jaghtu l-veduti u s-suggerimenti taghhom ghal din l-iskema.

1520. Rapport minn TCTC dwar il-kors IKIDS Summer 2012 u informazzjoni dwar korsijiet ghall-adulti ghax-xitwa. Il-Vici Sindku qallet li l-partecipazzjoni kienet wahda sodisfacenti u rrakonmandat li jigu organizatti korsijiet godda. Il-Kunsill approva dan.

1521. Korrispondenza bejn il-Kunsill u TM dwar Tower Crane fi Triq Censu Farrugia. TM qed titlob li dan jitnehha peress li din it-Triq irid isir xoghol ta' resurfacing. Il-propjetarju qed jghid li dan qieghed fi propjeta privata. Dott. C Grima talab li l-Kunsill jikkomunika mal-Avukat tal-Kunsill u nipprocedu bi protest legali.

**Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar.**

1522. Is-Sindku ferrah lill-Kumitat Amministrattiv ghall-korsijiet li organizza. Awgura aktar hidma f'dan il-qasam.

1523. Chairperson qalet li din il-gimgha ser isir laqgha mad-Direttur ghall-Gvern Lokali fejn ser tigi diskussa l-hidma tal-kumitat Amministrattiv.

1524. Dwar l-iskema tal-playing field iridu naraw x'xoghol baqa' sabiex dan jigi finalizat u tigi sottomessa c-claim mad-Dipartiment.

1525. Dwar Traffic Management is-Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv ser jibghat il-pjan lill-E. Brincat.

1526. Wara laqgha mal-Arriva dwar rotta 123, minn Novembru 2012 filghodu (Peak hours) din ser tibda tghaddi kull nofs siegha. Dwar servizz minn Swatar saret diskussjoni dwar rotta Swatar-Mater Dei-Msida-Valletta.

1527. Hemm talba minn studenti universitarji kif ukoll residenti biex isiru Traffic Lights fil-by pass faccata tal-Universita'. M. Agius sahhaq li ghandna niktbu lit-TM dwar dan u nishqu fuq l-urgenza ta' din it-talba. Is-Sindku qal li kien iltaqgha mas-Sur Simon Grima fejn sahhaq fuq bzonn li s-subway tkun up to standard u jsiru barriers adekwati.

1528. Il-karozzi u traffiku fejn l-iskola St. Martins hija ta' thassib serju biswit din l-iskola u jehtieg sorveljanza mill-pulizija. Il-Kunsill qabel li jsir talba ghal zewg pulizija tat-traffiku b'attendenza ta' l-ewwel gimgha shiha u wara "at random".

**Punt 5 Rapport Bord tal-Ghazla ta' Segretarju Ezekuttiv**

1529. Is-Sindku presenta r-rapport tal-Bord tal-Ghazla tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport u talab lill-Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex jibda bil-process mehtieg mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**Punt 6 Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet.**

1530. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet ghall-approvazzjoni. Il-kontijiet gew approvati u sekondati minn Dott. C Grima u C. Selvaggi. Il-lista giet iffirmata ukoll mis-Segretarju Ezekuttiv.

1531. Il-Kunsill approva ukoll pagament lir-Road Servicing Ltd ghal ammont ta' € 20000. Il-Kunsill ghal darba ohra sahhaq li sal-laqgha li jmiss jkollna r-rapport tal-perit ipprezentat dwar ix-xoghol ta' Road Servicing Ltd.

**Punt 7 Approvazzjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto –Kumitati**

1532. N/A

**Punt 8 Affarijiet ohra jekk urgenti**

1533. Is-Sindku talab li tintbaghat ittra lit-TM dwar materji li hemm pendenti mal-Arriva.

1534. E Abela tkellem dwar laqgha li Saret mal-Manager tal-BOV Msida dwar xogholijiet fic-centru tal-kommunita fil-Kunsill. Dawn lesti jaghtu l-ghajnuna taghhom f'materjal jew labour, pero' trid titressaq talba formali u stima tax-xogholijiet mehtiega. E. Abela talab ukoll sabiex naghmlu talba mal-HSBC mas-Sur Josef Camilleri.

1535. E. Brincat tkellem dwar l-applikazzjoni mal-MEPA dwar Gnien Guze Ellul Mercer fejn il-MEPA qed isib oggezzjoni dwar il-qlugh ta' sigar. Il-Perit qed jiddiskuti dan mal-MEPA. Jekk ma ninghatawx l-approvazzjoni jkollna nissotomettu pjanijiet godda u ghalhekk insejhu laqgha b'urgenza.

1536. Il-Vici Sindku qalet li wara kommunikazzjoni ma' TM u diskussjoni mal-Pulizija ghandha jsir Loading/Unloading Bay fi Triq il-Knisja. Dwar Triq Villa Ambrosa hemm bzonn tintbaghat ittra lil TM biex jitnehhew z-zewg parking bays tal-muturi.

1537. Joe Demarco kien avvicinat minn persuna li nfurmatu li hemm persuna li qed jiddisponi bid-demel billi jwaddbu fuq art pubblika fi Triq il-Kuncizzjoni. Il-Kunsill talab li nibghatu ghal dawn in-nies u nitkellmu maghhom dwar din l-irrisponsabilita' .

1538. Dwar talba mir-residenti li joqghodu fid-dawra tal-Kunsill biex matul iz-zmien tax-xita jipparkjaw fuq il-bankina, il-Kunsill qal li ufficjalment ma jista jaghmel xejn dwar dan.

1539. Il-Vici Sindku u M. Agius qed jahdmu fuq brochure dwar zamma tal-indafa u notifika dwar tqassim ta' boroz.

1540. E. Abela qal li hemm bzonn ta' refreshing taz-zebra crossings u hemm bozos maqtughin fl-istess zebra crossings. Hemm bzonn ukoll xoghol ta' manutenzzjoni quddiem il-Knisja.

1541. M. Agius tkellem dwar problemi li qed jikkawzaw il-hammiem fil-lokalita'. Qed jirrizulta li dawn qed jaghmlu hsara kemm ghas-sahha u kemm fl-ambjent u fuq propjeta'. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-ispettur, lis-Sur Attard Kingswell u lis-Sur Mario Spiteri sabiex jittiehdu l-passi mehtiega u jitnehhew b'mod permanenti mill-lokalita'.

1542. Dwar il-kwistjoni tal-hammiem C. Selvaggi qal li ghandu nformazzjoni li qed ikun hemm min jitma' lill-hammien bejn id-9.15am u l-10.15am max-Xatt tal-Imsida u xil-5.00pm in-naha tal-Marina bejn l-islipway u l-bus stop (max-xatt) bejn lounge bar u lucky bar. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-Pulizija dwar dan sabiex jiehdu l-passi mehtiega.

1543. M. Agius qal li hemm bzonn ta' patching fi Triq Bieb it-Torri

1544. Is-Sindku qal li hemm bzonn ta' patching fejn il-West End u l-PL Klabb.

1545. Dott. C. Grima qal li fi Triq it-Torri mit-Tower Bar l-isfel hemm bzonn ta' major patching.

1546. C. Selvaggi talab li niktbu lill-MEPA biex tenforza fuq il-barrier tal-universita'.

1547. C. Selvaggi qal li fi Triq il-Knisja r-residenti mhux qed isibu jipparkjaw u din hija ingustizzja. Is-Sindku qal li qed nahdmu fuq residents parking scheme.

1548. C. Selvaggi qal li hemm bzonn nitkellmu ma' TM dwar i-toroq li jmissu ma' toroq f'lokalitajiet ohra biex ikun hemm arrangamenti fuq ipparkjar ta' vetturi.

1549. C. Selvaggi staqsa x'inhi l-procedura dwar karozzi abbandunati. Is-Sindku qal li tkellem dwar dan fl-laqgha li kellu mal-Pulizija. Il-process hu li jwahhlu notifika safra u avviz fil-gazzetta tal-gvern li din il-vetura trid titnehha fi zmien 7 t'ijiem. Wara t-8 gurnata jekk il-vettura tkun ghada hemm il-kuntrattur jiehu l-karozza f'post sikur. Jekk ma tingabarx minn sida sa' Klett gimghat din tista tmur ghall-iscrap. C. Selvaggi qal li l-Kummisarju tal-Pulizija qallu li bhala Kunsill ghandna l-awtorita' li naghmluha ahna minghajr ma ndahlu l-pulizija.

**Punt 9 Aggornament**

1550. Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ssir nhar l-20 ta' Novembru 2012.

1551. Il-laqgha ntemmet. Hin: 20.30

Approvati llum ___________________________________________

| | |
|---|---|
| Dott. Clifton Grima<br>Sindku | Arthur Perici<br>Agent Segretarju Ezekuttiv |